



# L-ordinazzjoni presbiterali ta' Dun Karl Andrew Schembri

Dun Karl Andrew Schembri ġie ordnat qassis mill-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles Jude Scicluna nhar is-Sibt 20 t'April 2024 fil-Konkatidral ta' San Ġwann. Dan wara li ftit inqas minn sena qabel, eżattament fit-22 t'April 2023, ħa l-ordinazzjoni djakonali tiegħu. Sa minn ċkunitu Karl Andrew kien attiv sew fil-Parroċċa tan-Nattività tal-Mellieħa u minn dejjem kien iħoss is-sejħa li jidħol qassis. Qabel daħal is-Seminarju, hu kien beda kors tal-liġi fl-Università ta' Malta, iżda wara sentejn ħa d-deċiżjoni li jagħti widen għas-sejħa li kellu biex jibda jistudja għal qassis. Fl-okkażjoni tal-ordinazzjoni presbiterali tiegħu, flimkien ma' Dun Malcolm John Saliba u Patri Rob Rizzo SJ, l-Arċisqof Scicluna ħeġġiġhom sabiex minbarra li jkunu ministri tal-fejqan, ikunu wkoll umli biżżejjed biex lil Ġesù jitolbuh kuljum għall-fejqan tagħhom infushom u għat-tiġdid ta' ruħhom.



Fit-23 t'April 2024, l-Arċisqof Scicluna ċċelebra quddiesa mas-saċerdoti novelli fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa.

Fit-12 ta' Lulju 2024, kienet iċċelebrata quddiesa solenni ta' Radd il-Ħajr lil Alla għad-don tas-saċerdozju ta' Dun Karl Andrew Schembri fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa. Iċ-ċelebrazzjoni bdiet b'viżta minn Dun Karl Andrew fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, marċ mat-toroq tal-Mellieħa li beda mill-Bitħa tas-Santwarju, għadda minn Triq il-Kappillan Magri, Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq il-Parroċċa u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa. Għal din l-okkażjoni, iż-żewġ baned tal-Mellieħa, il-Banda Imperial u l-Banda La Vittoria, akkumpanjaw lil Dun Karl Andrew u l-korteo li kellu miegħu permezz ta' daqq ta' marċi brijużi.

Malli l-Banda Imperial waslet quddiem il-Każin Imperial, il-President, is-Sur Josef Borg, ippreżenta alba lil Dun Karl Andrew, li ntużat waqt il-quddiesa solenni ċċelebrata ftit tal-minuti wara.

Mal-wasla tal-korteo fuq iz-zuntier tal-knisja, iż-żewġ baned ingħaqdu flimkien biex taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tal-Għaqda Mużikali Imperial, Mro Anthony Borg, daqqew l-'Innu lil Madonna tal-Mellieħa', mużika ta' Giuseppe Caruana u lirika tar-Reverendu Kappillan Dun Carlo Cortis.

Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għall-quddiesa ta' ringrazzjament fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa li kienet animata mill-Kor u Okestra Maria Bambina. Wara sar riċeviment fil-Bitħa tas-Santwarju għal dawk kollha preżenti.

Il-President, il-Kumitat Direttiv u l-membri kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial jawguraw lil Dun Karl Andrew Schembri fil-bidu tal-ħajja l-ġdida tiegħu bħala qassis u jixtiqulu ħidma sfiqa u ta' suċċess fil-parroċċi kollha li fihom ikun iservi. Inwiegħduk li nżommuk fit-talb tagħna.

*Ad multos annos!*



(Sors: Arcidjoċesi ta' Malta)



(Sors: Arcidjoċesi ta' Malta)



